**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Inferjuri**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Ġunju 2021**

**Rikors numru:- 9/2017BS**

**Lawrence Borg**

**-vs-**

**Paul Sultana**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' Lawrence Borg illi talab:**

Illi jitħallas mill-attur is-somma ta' għaxart elef, mija u tmienja u ħamsin Euro (Euro 10,158.00c) rappreżentanti ħsarat u danni sofferti minnu. Dawn il-ħsarat u danni ġew sofferti per konsegwenza ta' inċident illi ġara unikament tort tiegħu meta l-konvenut qabad u ħa t-truck bil-bowzer bin-numru tar-reġistrazzjoni BAV 523, liema vettura hija propjeta' tal-attur u nqaleb bl-istess truck u bowzer. Il-konvenut ħa dan it-truck bil-bowzer mingħajr awtorizzazzjoni tal-attur.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

Bl-ispejjes ta' din il-kawża u tal-ittri uffiċjali ta' Diċembru 2016 u 11 t'April 2017.

Bl-imgħaxijiet skont il-Liġi.

**Rat ir-risposta tal-intimat Paul Sultana illi eċċepixxa:**

Illi qabel xejn, dan il-ġudizzju mhux integru, billi l-vettura BAV523 tappartjeni kemm lir-rikorrenti kif ukoll lil martu Sonia Borg li minn magħha huwa għaddej fi proċeduri ta' separazzjoni, u għalhekk ċertament ma għandux il-kunsens tagħha sabiex jipproċedu b'din il-kawża;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, għalkemm, bhala ġest ta' rieda tajba, u fi sforz li jevita proċeduri bil-qorti, l-esponenti kien lest li jassumi parti mir-responsabbilta' għall-inċident li fih kien involut dan it-truck, dan kien dejjem mingħajr preġudizzju u fil-verita', il-mod li bih seħħew l-affarijiet jezonera lill-esponenti minn kull responsabbilta', kif sejjer jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, mhux minnu li l-attur sofra l-kwantum tad-danni li qiegħed jirreklama f'din il-kawża, imma għall-kuntrarju d-danni sofferti verament huma ferm inqas minn dak mitlub.

Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat illi l-kawża tħalliet ghas-sentenza għal lum.

**Ikkunsidrat**

Din hija kawża dwar ħlas ta' danni li l-attur jgħid illi ġarrab meta l-konvenut, mingħajr l-awtorizazzjoni tal-attur, ħa trakk bil-bawzer u

nqaleb bih. Talab għalhekk il-ħlas tad-danni mġarrba kif ukoll tal-imgħaxx bir-rata legali fuq l-ammont likwidat.

Il-konvenut laqa' billi eċċepixxa n-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju stante illi l-vettura in kwistjoni tappartjeni sia lill-attur kif ukoll lill-martu Sonia Borg. Fil-mertu, l-konvenut eċċepixxa illi huwa m'għandu jġorr ebda responsabbilita` għall-akkadut u li in ogni każ id-danni rizultanti huma ferm anqas minn dawk reklamati.

In kwantu l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' integrita` tal-ġudizzju, il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' Sonia Borg ossia mart l-attur li kkonfermat li hija m'għandha ebda informazzjoni la dwar il-vettura targata BAV 523 u lanqas dwar l-inċident mertu ta' dawn il-proceduri. Ziedet tgħid illi hija ilha de facto separata minn mal-attur sa mis-sena 2015 u li hi u l-attur jinsabu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali bejniethom. Il-Qorti rat ukoll il-*log book* relattiv għall-vettura u semgħet ix-xhieda tar-rappreżentant ta' Transport Malta li kkonferma illi l-vettura imsemmija ilha reġistrata fuq isem l-attur sa mis-sena 2006. Il-Qorti tosserva illi l-konvenuti ma nsistewx aktar dwar din l-eċċezzjoni.

Il-Qorti tinsab għalhekk sodisfatta illi Sonia Borg mhux biss hija totalment estranea għal dan il-proċediment talli lanqas biss għandha ebda informazzjoni fuq il-vettura ikkoncernata. Tqis għalhekk illi Sonia Borg m'għandha ebda interess f'din il-vertenza.

**Tiċħad ghalhekk l-ewwel eċċezzjoni.**

In tema ta' dritt, hija norma tal-liġi stabbilita bl-Artikolu 1031 tal-Kap 16 illi "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*". Jitqies illi jkun fi ħtija kull min f'għemilu ma juzax il-prudenza, l-ghaqal u d-diliġenza u l-ħsieb ta' *bonus pater familias* (art. 1032(1) Kap 16). Aktar u aktar, a tenur tal-Artikolu 1033 tal-Kodiċi, kull min "*bil-ħsieb jew mingħajr hsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi*" huwa obbligat li jirrizarċixxi d-danni[1].

[1] Ara: **Mosè Tabone vs Avv. Dr. Joseph Ferdinand Cassar Galea**, P.A. 23 ta' Lulju 1958; **George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi noe**, Appell Kummerċjali, 2 ta' Marzu 1962; **Alexander Eminyan noe vs Caroline Grech et**, P.A., 3 ta' Ottubru 2003.

Fil-mertu, mill-provi jirriżulta illi l-inċident in kwsitjoni jirrisali għall-15 ta' Lulju 2016. Il-konvenut talab lill-attur jipprovdilu bawzer ilma li kien jeħtieġ fir-raba tiegħu li tinsab fiz-zona magħrufa bhala tan-Nuffara, fil-wied illi jagħti għar-Ramla fix-Xagħra, Għawdex.

Lejliet l-inċident mertu ta' din il-vertenza, l-attur u l-konvenut iltaqgħu fuq il-post sabiex jiftehmu l-loġistika għat-tqassim tal-ilma. Jirriżulta illi l-partijiet iltaqgħu madwar sitt mitt pied lil hinn minn fejn kien sejjer jintuza l-ilma. Waqt illi l-konvenut spjega lill-attur illi l-ilma kien jehtieġu sitt mitt pied aktar il-ġewwa, f'punt illi mir-ritratti jidher li evidentement jinsab aktar fil-għoli minn fejn iltaqgħu il-partijiet, l-attur assigurah illi l-pompa tal-ilma kienet ser twassal l-ilma sa fejn meħtieġ. Anzi, zied jgħidu li l-pressa tal-ilma setgħet tasal anki iktar il-boghod.

L-għada fil-għodu, u ċioe fil-15 ta' Lulju 2016 il-konvenut u xi ħaddiema tiegħu marru fuq il-post u lestew kollox għal x'hin jasal il-bawzer. L-attur għabba l-bawzer b'elf gallun ilma u bagħat lil Kevin Abela, impjegat tiegħu b'dan il-vjeġġ ilma għand il-konvenut. Qabel qabad it-triq lejn ir-raba' tal-konvenut, l-attur qal lil Abela biex ma jdumx għaliex l-attur ried imur il-Qorti waqt illi fil-frattemp Abela kellu jagħmel vjeġġ ieħor b'bawzer differenti għal għand klijent ieħor.

Abela wasal fuq il-post u flimkien mal-konvenut qabbdu l-pajpijiet mal-bawzer sabiex jibda jitwassal l-ilma fir-raba' tal-konvenut skont kif miftiehem fil-jum ta' qabel. Ġara pero illi l-ilma ma bediex iwassal sal-post meħtieġ u bil-pressa il-pajp beda jinqala' minn mal-bawzer. Il-konvenut indika lil Abela illi kien hemm post ieħor minn fejn setgħu jgħaddu sabiex iwasslu l-ilma sal-post fejn kien meħtieġ. Sa dan it-tant l-attur kien qiegħed jippressa lil Abela sabiex iħalli l-bawzer fejn kien u jitlaq minn fuq il-post għaliex l-attur kien mgħaġġel sabiex jattendi l-Qorti.

Tajjeb jingħad illi l-attur qatt ma ġie nfurmat dwar il-fatt illi l-ilma ma kienx twassal kif miftiehem u lanqas qatt ma sar jaf li l-konvenut kien sejjer isuq il-bazwer biex jgħaddi minn rotta oħra. L-attur sar jaf x'kien ġara meta kien diġa tard wisq u l-bawzer kien inqaleb u ġarrab ħsarat.

Il-Qorti tosserva illi ghalkemm fir-risposta tiegħu l-konvenut jgħid illi m'għandu ebda responsabbilita` għall-inċident, mill-provi joħroġ ċar illi l-

konvenut saq il-vettura kkonċernata mingħajr il-permess tal-attur u għadda minn trejqa differenti minn dik li kien ra l-attur fil-jum ta' qabel. Fix-xhieda tiegħu l-konvenut saħansitra jammetti illi *"jien mort insuq it-trakk, Kevin telaq bil-mixi u jien bqajt tiela' minn fejn kont qed nitla' bit-trakk jien qabel, ġurnata ta' qabel bit-trakk tiegħi."*[2] Il-konvenut stqarr ukoll illi meta jgħaddi bit-trakk tiegħu mit-trejqa li nqaleb fiha bil-bawzer huwa jkun qiegħed isuq trakk bil-ġebel u zrar u mhux bawzer bl-ilma li jkun qiegħed jitbandal minn naħa għal oħra u jxaqleb il-piz tat-tagħbija min-naħa għal oħra tal-vettura. B'żieda ma dan il-Qorti tossera wkoll illi tant il-konvenut minnufih għaraf ir-responsabilita` tiegħu għall-inċident illi dak il-ħin stess offra lill-attur kumpens u wara mar ifittex il-*parts* u saħansitra offra li jħallas hu l-prezz ta' bawzer li l-attur kien qiegħed jikkunsidra li jixtri.

Eżaminati l-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar illi l-attur qatt ma ta l-awtorizazzjoni tiegħu lill-konvenut sabiex isuq il-bawzer. Lanqas m'awtorizzah jgħaddi minn trejqa differenti. Ma hemmx dubju illi f'dan il-każ il-konvenut zbalja bl-ikrah meta indaħal u ħa l-briga illi jsuq il-bawzer hu sal-post fejn huwa ried l-ilma. Anki jekk irriżulta illi l-ilma ma setax jitwassal mill-post miftiehem mal-attur sal-post fejn kien meħtieġ, kien jinkombi fuq il-konvenut illi fl-ewwel lok u qabel jieħu deċizjonijiet arbitrarji u affrettati, iċempel lill-attur u jgħarrfu dwar dan. Din il-ġrajja kienet tieħu bixra ferm differenti li kieku l-konvenut avża lill-attur għaliex li kieku l-attur allura tah l-awtorizazzjoni tiegħu sabiex isuq it-takk, dik l-awtorizazzjoni kienet tiġbed magħha ċertu responsabilita'. Dan ma sarx u għalhekk issa l-konvenut ser ikollu jġorr ir-responsabilita` sħiħa għall-akkadut.

Stabbilit illi l-konvenut huwa responsabbli għall-ħsarat riżultanti mill-inċident, imiss issa li l-Qorti tgħaddi ghall-kwantifikazzjoni tad-danni mġarrba.

Konsegwenza tal-inċident il-bawzer inqabel fuq il-ġenb. Il-konvenut jittanta jimminimizza l-ħsarat imġarrba, biss pero` zewġ ħaddiema tiegħu, Dominic Sultana u Victor Mercieca, li raw il-bawzer maqlub u assistew lill-konvenut sabiex jerġa jitwaqqaf il-bawzer, ikkonfermaw illi t-tank tal-bawzer inqasam, kien hemm daqqa fil-bieba u l-hġieġ tal-bieba tan-naħa li fuqha nqaleb il-bawzer, inkiser. L-attur xehed illi saħansitra

[2] A fol. 125 tal-proċess.

ħareġ iz-zejt tal-magna u li meta l-konvenut prova jixgħel il-magna din kompliet iġġarrab ħsarat akbar. Il-konvenut u l-ħaddiema tiegħu xehdu illi fl-art ma raw ebda zejt, kien hemm biss l-ilma li ħareġ mill-bawzer.

L-attur sejjaħ fuq il-post tellar, ċertu Josef Mizzi magħruf bħala 'It-Tewmi'. Dan minnufih iddikjara l-bawzer bħala *total loss* għaliex billi l-gabina tat-trakk kienet mgħattna ma setgħetx titranġa[3]. L-attur ħa wkoll il-parir tas-*surveyor* Philip Attard li spezzjona l-vettura fit-12 ta' Settembru 2016 u wara li kkonstata l-ħsarat mġarrba ikkundanna l-vettura bħala *total loss* għaliex ma kienx ekonomikament vijabbli li l-vettura tissewwa. Irriżulta li bil-waqa' mill-għoli t-tank tal-bawzer inqasam, il-gabina tat-trakk tgħaffġet u c-*chassis* tal-vettur intrewa. Meta xehed quddiem din il-Qorti Philip Attard spjega illi l-ispiża komplessiva għat-tiswijiet tal-bawzer kienet tammonta għas-somma ta' sebat elef u tlett mitt ewro (€7,300) waqt illi l-valur tal-vettura qabel l-inċident kien jammonta għas-somma ta' sitt elef u ħames mitt ewro (€6,500)[4]. Spjega illi la darba l-bawzer inżamm mill-attur u saħansitra ntuża sabiex jinħadem il-bawzer il-ġdid, mill-valur tal-vettura u ċioe mis-somma ta' sitt elef u hames mitt ewro (€6,500) irid jitnaqqas ir-*wrekage value* ammontanti għas-somma ta' tminn mitt ewro (€800). B'hekk, l-attur għandu jirċievi s-somma ta' ħamest elef u seba' mitt ewro (€5,700) rappreżentanti ħlas għat-telfien tal-vettura.

L-attur ippreżenta wkoll tlett irċevuti maħruġa f'ismu minn Fibreglass Works[5]. Dawn l-irċevuti li komplessivament jammontaw għas-somma ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500), jirrappreżentaw ix-xiri ta' bawzer ieħor mill-attur. Raymond Xuereb spjega illi sabiex tiġi minimizzata l-ispiża huwa kien ħa partijiet mill-bawzer imġarraf, ħadem biċċiet ġodda u għaqqad kollox flimkien[6]. Dawn l-irċevuti ma ġewx kontestati.

Il-Qorti tosserva illi għalkemm l-ammont pretiż mill-attur fir-rikors tiegħu huwa dak ta' €10,158.00, dan l-ammont ma jaqbilx mal-ammonti ndikati fl-irċevuti u r-rapport tas-*surveyor* li ġew ippreżentati mill-attur stess. Tqis għalhekk illi l-ammont pretiż mill-attur mhuwiex wieħed ġustifikat.

[3] '**Dok. CS 2**' a fol. 28 tal-proċess.
[4] Ara l-affidavit ta' Philip Attard a fol 17 u '**Dok. PA 1**' a fol. 18 u 19 tal-proċess.
[5] '**Dok. LB 1**' sa '**Dok. LB 3**' a fol. 14 sa 16 tal-proċess.
[6] '**Dok. CS 1**' a fol. 27 tal-proċess.

Għalhekk, wara li qieset il-provi kollha l-Qorti ssib illi l-attur sofra danni li għalihom għandu jagħmel tajjeb il-konvenut. Ta' dan l-attur għandu jirċievi mingħand il-konvenut komplessivament is-somma ta' disa' t'elef u mitejn Ewro (€9,200) in kwantu s-somma ta' ħamest elef u seba' mitt ewro (€5,700) rappreżentanti ħlas għat-telfien tal-vettura u s-somma ta' tlett elef u hames mitt eħro (€3,500) rappreżentanti spejjeż inkorsi mill-attur sabiex xtara bawzer iehor.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet u l-motivi ġia espressi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha kif sollevati mill-kovenut.

Tilqa' t-talba dwar il-ħlas tad-danni b'dan illi tillikwida d-danni fis-somma ta' disa' t'elef u mitejn Ewro (**€9,200**) u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma likwidata flimkien ma' l-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur